



Brussell, 18 ta' Novembru 2025
(OR. en)

14882/25
ADD 1

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0233(NLE)

JUSTCIV 173
CONSOM 247
MARE 40
COMER 149
RELEX 1390

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: Dikjarazzjoni skont l-Artikolu 18(2) tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Effetti Internazzjonali tal-Bejgħ Ġudizzjarju ta' Bastimenti (il-“Konvenzjoni ta' Beijing dwar il-Bejgħ Ġudizzjarju ta' Bastimenti”), adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fis-7 ta' Diċembru 2022 fi New York, dwar il-kompetenza tal-Unjoni Ewropea fuq dawk il-materji rregolati minn dik il-Konvenzjoni li fir-rigward tagħha l-Istati Membri ttrasferew il-kompetenza tagħhom lill-Unjoni Ewropea

Dikjarazzjoni skont l-Artikolu 18(2) tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti
dwar l-Effetti Internazzjonali tal-Bejgħ Ġudizzjarju ta' Bastimenti
(il-“Konvenzjoni ta’ Beijing dwar il-Bejgħ Ġudizzjarju ta’ Bastimenti”),
adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fis-7 ta' Diċembru 2022 fi New York,
dwar il-kompetenza tal-Unjoni Ewropea fuq dawk il-materji rregolati
minn dik il-Konvenzjoni li fir-rigward tagħha
l-Istati Membri ttrasferew il-kompetenza tagħhom lill-Unjoni Ewropea

L-Artikolu 18(1) tal-Konvenzjoni ta' Beijing dwar l-Effetti Internazzjonali tal-bejgħ ġudizzjarju ta' bastimenti (il-“Konvenzjoni”) jipprevedi li Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika li hija kostitwita minn Stati sovrani u li għandha kompetenza fuq ċerti materji rregolati mill-Konvenzjoni tista' tiffirma l-Konvenzjoni. L-Artikolu 18(2) tal-Konvenzjoni jipprevedi li l-Organizzazzjoni Reġjonali ta’ Integrazzjoni Ekonomika għandha tagħmel dikjarazzjoni li tispeċifika l-materji rregolati mill-Konvenzjoni li fir-rigward tagħhom il-kompetenza ġiet trasferita lil dik l-organizzazzjoni mill-Istati Membri tagħha. L-Unjoni Ewropea ddeċidiet li tikkonkludi l-Konvenzjoni u b'dan qed ittenni d-dikjarazzjoni li għamlet waqt l-iffirmar tagħha fl-14 ta' Marzu 2024.

Sal-punt li jistgħu jaffettwaw regoli komuni jew ibiddlu l-kamp ta' applikazzjoni tal-atti legali msemmija fil-punti (a) u (b), il-materji rregolati minn dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni li fir-rigward tagħhom l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea ttrasferixxew il-kompetenza u li fir-rigward tagħhom l-Unjoni Ewropea għandha kompetenza esklussiva fis-sens tal-Artikolu 3(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) huma dawn li ġejjin:

- (a) l-Artikolu 9 tal-Konvenzjoni ("Jurisdiction to avoid and suspend judicial sale" (Ġurisdizzjoni biex jiġi evitat u sospiż il-bejgħ ġudizzjarju)) fir-rigward tar-regoli dwar il-ġurisdizzjoni fir-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonossiment u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (ĠU UE L 351, 20.12.2012, p. 1); u
- (b) l-Artikolu 4 tal-Konvenzjoni ("Notice of judicial sale" (Avviż ta' bejgħ ġudizzjarju)) fir-rigward tar-regoli dwar in-notifika ta' dokumenti ġudizzjarji u ekstraġudizzjarji f'materji ċivili jew kummerċjali (notifika ta' dokumenti) fir-Regolament (UE) 2020/1784 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2020 dwar in-notifika fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u ekstraġudizzjarji f'materji ċivili jew kummerċjali (ĠU UE L 405, 2.12.2020, p. 40).

Il-kompetenza tal-Unjoni Ewropea skont it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u t-TFUE hi, minnha nnifisha, soġġetta għal żvilupp kontinwu. Fil-qafas tat-Trattati, l-istituzzjonijiet kompetenti jistgħu jieħdu deċiżjonijiet li jiddeterminaw il-firxa tal-kompetenza tal-Unjoni Ewropea. L-Unjoni Ewropea għaldaqstant tiriserva d-dritt li temenda din id-Dikjarazzjoni kif ikun meħtieġ, mingħajr ma ebda tali emenda tikkostitwixxi prerekwiżit għall-eżerċizzju tal-kompetenza tagħha fir-rigward ta' materji rregolati mill-Konvenzjoni.

L-Unjoni b'dan tispesifika li l-Konvenzjoni għandha tapplika, fir-rigward tal-kompetenza tal-Unjoni, għat-territorji tal-Istati Membri li għalihom japplikaw it-Trattati -TUE u TFUE skont l-Artikolu 52 TUE u skont il-kundizzjonijiet stabbiliti, fost oħrajn, fl-Artikolu 355 TFUE.
